# Jekk il-Gvern ħaseb li seta' jafda lill-kaċċaturi, hu ċar li abbużaw minnu f'dan l-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa

## Tul l-istaġun inġabru 17-il għasfur protett maqtul jew ferut, tnejn aktar mill-istaġun tas-sena l-oħra, nofshom Gamiem

Hekk kif l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għalaq illum f'nofsinhar, l-ammont ta' għasafar protetti maqtula jew feruti li nġabru mill-pubbliku, il-pulizija u BirdLife Malta jindika b'mod ċar li dan kien wieħed mill-agħar staġuni tal-kaċċa tar-rebbiegħa fl-aħħar snin u bla dubju agħar minn tas-sena li għaddiet. Is-17-il għasfur protett li nġabru wara li spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali u kienu kkonfermati mill-veterinarju li ntlaqtu minn tiri ta' senter huma biss farka mill-għasafar maqtula tul l-istaġun ta' din is-sena, li suppost kien miftuħ biss għas-Summien. Staġun li min iddefendieh għandu għal xiex jistħi.

Biex tkompli tgħaxxaqha, fit-tieni sena tal-moratorju fuq il-kaċċa għall-Gamiem, il-bidla fid-dati magħżula mill-Gvern – kontra kull *data* xjentifika u kontra l-parir tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) – verament serviet bħala paraventu biex il-kaċċaturi xorta jisparaw fuq din l-ispeċi vulnerabbli. Waqt li għadhom deħlin aktar rapporti u f'idejna għandna total ta' tmien Gamimiet li nstabu feruti jew maqtula, huwa ċar li din is-sena kien hemm eluf ta' Gamiem li ġew ikkaċċjati fil-Gżejjer Maltin, b'mod partikolari tul l-aħħar jiem meta l-isparar fuq dan l-għasfur protett kien bla kontroll.

"Jekk il-Gvern ħaseb li seta' jafda lill-kaċċaturi għax ma kienu se jisparaw fuq xejn ħlief fuq is-Summien, illum għandu jinduna li dawn daħqu bih u abbużaw minnu. Il-bidla fid-dati tal-istaġun biex jaħbat mal-eqqel tal-passa tal-Gamiem kienet żball kbir li għandu jimbarazza lill-Gvern u lil dawk li tawh il-parir biex jieħu din id-deċiżjoni" sostna l-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana. "Nistgħu biss nittamaw li l-Gvern jifhem li ma jistax jibqa' jaċċetta pariri ħżiena fuq il-kwistjoni tal-kaċċa fir-rebbiegħa u aħna min-naħa tagħna nwiegħdu li se nagħmlu pressjoni fuq il-Kummissjoni Ewropea biex tinvestiga jekk id-deċiżjoni li tiġi permessa l-kaċċa waqt il-qofol tal-passa tal-Gamiema tmurx kontra l-ispirtu tad-Direttiva Ewropea tal-Għasafar u kull forma ta' deroga minn din id-direttiva."



L-impatt tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa ta' din is-sena fuq l-għasafar protetti li kienu qed ipassu minn fuq Malta u Għawdex kien agħar minn ta' kull staġun ieħor li kellna fl-aħħar snin, bit-total ta' 17-il tajra protetta kkaċċjati illegalment mill-bidu tal-istaġun u kollha misjuba mill-pubbliku jinkludi wkoll għadd ta' għasfar tal-priża. 12 minn dawn inġabru minn BirdLife Malta waqt li l-kumplament, ħamsa, ġew mgħoddija lill-pulizija. Kważi nofs it-tajr miġbur dan l-istaġun huwa Gamiem (8 minn 17) li juri kif il-Gamiema – li hija protetta u kklassifikata bħala vulnerabbli – spiċċat fil-mira tal-kaċċaturi tul dan l-istaġun, b'eluf jiġu kkaċċjati fl-aħħar ftit jiem.

Il-Ħamis, ilbieraħ u llum it-timijiet tagħna fil-kampanja osservaw mijiet ta' Gamiem qed jitniżżel mill-kaċċaturi fi nħawdi differenti u fl-uffiċċji tagħna ma stajniex inlaħħqu mat-telefonati tal-pubbliku jirrapporta dak li ħafna ddeskrivewh bħala "massakru" fuq il-Gamiem madwar Malta u Għawdex, b'rapporti deħlin minn kullimkien.

Tul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa tas-sena l-oħra kienu daħlu total ta' 15-il għasfur protett ferut jew mejjet, li jfisser li din is-sena kellna tnejn aktar. Dan huwa xhieda li minkejja l-wegħdiet ta' infurzar aħjar, fl-2018 ġew maqtula aktar għasafar protetti mis-sena li għaddiet, b'nofshom ikunu Gamiem protett li suppost ma setax jiġi kkaċċjat minħabba l-moratorju.

BirdLife Malta tħeġġeġ lill-pubbliku jkompli josserva u jirrapporta kull illegalità li jista' jiltaqa' magħha għax normalment il-kaċċa illegali tkompli anke wara li jkun għalaq l-istaġun. Kull tir ta' senter li jinstema' minn issa 'l quddiem ifisser li tkun qed tinkiser il-liġi u għandu jkun irrappurtat. Aktar dettalji u gwida biex wieħed jirrapporta każi ta' kaċċa illegali jinsabu fuq is-sezzjoni dwar il-kaċċa fuq is-sit elettroniku tagħna.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org



**Mehmużin:**

- Lista aġġornata tas-17-il għasfur protett ferut jew maqtul li nġabru minn BirdLife Malta u l-pulizija tul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa din is-sena
- Il-ħames Gamimiet li nġabru fl-aħħar jiem, mill-konferenza stampa tagħna ta' nhar il-Ħamis lil hawn (Ritratti ta' BirdLife Malta)

**Niżżel ir-ritratt minn hawn:** https://we.tl/LG6H4iS6oc

- Gamiema li nġabret minn Delimara (19 ta' April)
- Gamiema misjuba fil-Fawwara (20 ta' April)
- Gamiema miġbura mill-Victoria Lines, fl-inħawi tad-Dwejra (20 ta' April)
- Gamiema mix-Xagħra Għawdex (20 ta' April)
- L-aħħar Gamiema li nstabet f'Delimara llum (21 ta' April)

**Niżżel il-filmati minn hawn:**

1. Il-Gamiema miġbura minn Delimara nhar il-Ħamis 19 ta' April: https://youtu.be/3RsafqUKiYg
2. Gamiema mejta li nġabret mill-Victoria Lines, fid-Dwejra (Malta) ilbieraħ: https://youtu.be/kpEZHlAVd8s
3. Gamiema oħra li nġabret minn Delimara llum mill-pulizija: https://youtu.be/tjqsENMjkHI

